# Il-Fallaċja Patetika fir-Romantiċiżmu Bikri: Vassallo, Muscat Azzopardi u Psaila

Studenta:
Michela Buttigieg

Tutur:
Prof. Bernard Micallef

## 1. Daħla

Il-fallaċja patetika hija metodu espressiv u diskursiv bi tradizzjoni twila u prestiġjuża fost ħafna letteraturi, madanakollu, dan it-terminu letterarju jissarraf fid-definizzjoni bażika tal-attribuzzjoni ta' emozzjonijiet umani lill-entitajiet inanimati u animati tal-ambjent. Bħala teknika, il-fallaċja patetika hija iżjed profonda minn hekk, ladarba l-atmosfera tadotta burdata umana, il-pajsaġġ poetiċizzat jiġi umanizzat b'ġesti evokattivi, u d-distinzjoni bejn l-osservatur u l-imkien osservat effettivament tibda tgħib. In-natura simpatetika lejn poeta li min-naħa tiegħu jħossu mifhum u milqugħ minnha, toffri sensazzjoni li tgħinu jiżvoga u jaqsam daqsxejn mill-piż emozzjonali li jinħakem minnu, primarjament billi jġiegħel lill-entitajiet ta' madwaru jwieżnu l-emozzjonijiet interni tiegħu. Il-pajsaġġ, għalhekk, jirreċiproka l-ħsus umani għax jidħol f'komunjoni intima mas-sensittività poetika.

## 2. Ir-Romantiċiżmu u t-Teknika tal-Fallaċja Patetika

L-emozzjoni hija l-qofol tal-kitba Romantika, u l-lingwaġġ u x-xbihat figurattivi tal-perjodu, fosthom il-fallaċja patetika, jgħinu lill-poeta jikkomunika l-emozzjonijiet tiegħu fid-dieher b'rifless ambjentali tanġibbli. Evidentement, din l-għodda lirikament empatika tinkorpora għamla ta' personifikazzjoni għax tinvolvi l-antropomorfizzazzjoni ta' aspetti partikolari tan-natura bil-għan li s-sentimenti ġewwinija tal-poeta Romantiku jiġu pproġettati lil hinn minnu, hu u jpenġi l-atmosfera ta' madwaru skont il-burdata li jkollu. B'dan il-mod, it-trasformazzjoni f'ruħ il-poeta timxi id f'id mat-trasformazzjoni tal-ambjent esterjuri, f'mixja komprensiva li matulha d-distinzjoni bejn l-illużjoni u r-realtà tibda tiċċajpar, sitwazzjoni li kkondizzjonat il-fallaċja patetika bħala konfużjoni tal-elementi atmosferiċi mal-atmosfera tar-ruħ (Thomas 342).

Meta l-poeta Romantiku jikkostruwixxi xena b'għadd ta' entitajiet inanimati jew le li jikkonkretizzaw it-temperament uman, huwa jħoss ir-rispons spiritwali u aħwi tan-natura preżenti kontinwament mingħajr l-ebda sforz konxju, u dan iwassal biex kultant il-personifikazzjoni mifruxa f'pajsaġġ tkun tant qawwija li tagħmilha diffiċli biex wieħed isib il-punt tat-tluq tal-emozzjoni, u l-oriġini tal-ħsus jimirħu kullimkien. B'riżultat ta' dan, diversi kritiċi jqisu l-fallaċja patetika bħala teknika intrinsikament metaforika, minħabba li l-projezzjoni tal-emozzjoni poetika għal fuq dinja sħiħa taffettwa l-mod ta' kif in-natura tiġi deskritta. B'rabta ma' dan, Bernard F. Dick, kritiku li jqis il-qawwa metaforika fl-isfond ta' natura li donnha "tippossedi l-emozzjonijiet umani", isostni li l-fallaċja patetika mhijiex sempliċiment ornament li jżejjen il-poeżija, u għalhekk ma għandhiex tkun dejjem espliċita, anzi jkun aħjar jekk tinħadem b'mod sottili tul il-poeżija, billi tixref u tisparixxi mingħajr l-ebda traċċi, sabiex b'hekk tikseb l-istatus artistiku tagħha (30).

### 2.1 Lejn Definizzjoni tal-Fallaċja Patetika

It-terminu "fallaċja patetika" ntuża għall-ewwel darba mill-kritiku tal-arti John Ruskin fil-ktieb *Modern Painters* bħala kritika kontra l-kittieba li jużaw l-ambjent estern u l-oġġetti ta' madwarhom daqslikieku kienu mera tal-emozzjonijiet interni tagħhom. Fl-analiżi tiegħu, Ruskin esplora kif meta l-kittieba jużaw dan il-metodu liriku jkunu qed iqarrqu kemm bihom infushom kif ukoll bil-

qarrejja tagħhom u, b'hekk, it-terminu derogatorju "fallaċja patetika" beda jimplika tiżliġ tar-realtà, introduzzjoni ta' ħwejjeġ li mhumiex veri, fejn sabiħa kemm tidher sabiħa l-immaġni poetika, xorta waħda effettivament tikseb kwalitajiet morbużi, nieqsa mill-qawwa u l-konkretizza tar-realtà.

B'differenza minn kritiċi oħra, J. D. Thomas evita li jagħti d-definizzjoni kompleta tat-terminu sabiex minflok jikkonċentra fuq il-kelmiet ("fallaċja" u "patetika") li jibnuh, b'importanza ġdida mogħtija lill-istħarriġ etimoloġiku bir-reqqa tagħhom, bl-iskop li tinftiehem aħjar ir-raġuni wara d-deċiżjoni ta' Ruskin li jorbothom flimkien (J. D. Thomas 342–3). Fil-fatt, Thomas jelabora li n-nom mingħajr l-aġġettiv jitlef it-tifsira sħiħa li ried iwassal Ruskin. Is-sostantiv astratt "fallaċja", b'oriġini Latina, jintuża biex jiddeskrivi twemmin jew argument qarrieqi, falz u loġikament ħażin. L-aġġettiv "patetika", idderivat mill-għeruq tal-kelma Griega "pathos", jikkwalifika l-fallaċja bħala waħda li taħdem fuq il-mod kif jitqanqlu l-emozzjonijiet tal-poplu bl-iskop li l-opinjoni tagħhom issir taqbel ma' tal-kelliem. Fl-arti tal-kelma dan l-aġġettiv, li jissuġġerixxi appell ikkalkulat lis-sentimenti tal-qarrejja u li jeliċita rispons emottiv diġà mfassal mill-awtur jew il-kelliem, jimplika taqriq deliberat minn persuna inaffidabbli, u huwa għalhekk li Ruskin żiedu bħala forma kawżattiva wara n-nom "fallaċja" jiġifieri biex ifisser "apparenza qarrieqa kkawżata mill-emozzjoni" (Thomas 344). Minn dan joħroġ li l-fallaċja patetika hija proċess applikat mill-poeti biex jgħabbu lin-natura bil-perspettiva passjonali tagħhom, u jpoġġu fuq il-ħarsa tal-qarrejja lenti patetika qawwija li tinfluwenza l-mod kif in-natura tiġġarrab (344).

## 3. Ġan Anton Vassallo: Ix-Xeħta Kompassjonali tal-Ambjent

Il-ħila ta' Vassallo fl-estensjoni emottiva tal-ħsus tiegħu lil hinn minnu tinħass sew f'"Lil Ġannina", poeżija li fiha l-motiv personali u intimu tal-protagonist sensibbli jissieħeb mal-motiv deskrittiv. Sa mill-ewwel strofa tispikka l-istedina biex il-maħbuba toħroġ mid-diq qawwi tagħha għal ġo ambjent akkoljenti li jerħi klima ta' ftuħ, sliem u katarsi, suġġerimenti mibnija b'deskrizzjoni rikka fil-kontributi atmosferiċi tagħha. Il-vokabolarju esklussiv, bħal "ħlief", is-similitudni fantastika ("Bħal art tad-djamanti / Il-baħar tarah"), u d-diversi aġġettivi ta' trankwillità ("għafja", "ħilwa", "żejt", "ġmiel") jitħaddmu flimkien biex jikkonsolidaw

fallaċja patetika li tittrasforma l-beraħ fi stat ta' ruħ imġedded. Dan l-effett ma jnaqqas xejn min-natura palpabbli u immedjata tal-madwar.

Anke l-kulur "kaħlani" tas-sema hu magħżul b'ċertu ħsieb għax, għalkemm ġieli jiġi assoċjat mad-dwejjaq, iqanqal bil-wisq iżjed sentimenti pożittivi bħal rilassament, ferħ, tama u paċi (elementi li lkoll jimxu id f'id mat-tematika tal-poeżija), kif juri l-istudju tal-artisti u l-kummentaturi tal-arti Naz Kaya u Helen H. Epps, li sikwit investigaw is-simboliżmu artistiku marbut mal-kuluri (6). B'żieda ma' dan, il-kwiekeb u l-qamar jassimilaw il-karattru timidu u riservat tal-poeta li jrid joffri d-dawl u l-hena lill-maħbuba tiegħu, bħallikieku jeħtieġlu jintroduċi dija fid-diq tagħha. Fl-istess waqt, ix-xbieha Romantika antika tal-"fewġa tar-riħ", simbolu tal-ħajja u l-enerġija ġentili li l-poeta jixtieq lil Ġannina, tippreżenta natura sielma li tempatizza ma' u tesprimi b'mod estensiv sentimenti li l-kelliem liriku qiegħed kontinwament jipproponi bħala fejqan għar-ruħ imdejqa u solitarja tal-maħbuba, figura siekta fil-poeżija li tista' wkoll tkun l-anima (f'kuntrast mal-animus) ta' Vassallo nnifsu. Bħalma jinnota David Lodge, ladarba t-temp jaffettwa l-burdata, "ta' spiss huwa kawża tal-effett tal-fallaċja patetika" (85), u fil-fatt hawnhekk id-deskrizzjoni tan-natura elokwenti tal-lejl tingħata bħallikieku hija duwa u terapija immedjati kontra l-burdata kuntrastanti ta' Ġannina, diment li din il-persuna magħluqa toħroġ f'beraħ li, kif jimplika kliem Lodge, mhu xejn għajr projezzjoni esterna tas-sentiment uman - f'dan il-każ tal-kelliem liriku.

Effettivament, il-qarrejja mill-ewwel jintebħu bl-attenzjoni li Vassallo jitfa' fuq l-ambjent ta' madwaru sabiex isarraf is-sentiment uman fi spazju konkret. In-natura kollha, anke l-elementi ċkejknin, jgħinu fit-tiġrib personali għax jissieħbu mal-patos uman u, kaġun ta' hekk, "jimtlew b'tifsir profond, jevokaw tifkiriet u riflessjonijiet ġodda, u jwasslu għat-tagħqida tal-persunalità tal-bniedem mal-persunalità stramba tal-univers" (Friggieri, Ġan Anton Vassallo 15). Pereżempju, is-simbolu frekwenti tal-warda f'Vassallo jaqdih bħala ikona tanġibbli tal-imħabba li tinkorpora s-sentimenti kollha ġo entità waħda, xbieha li offriet il-possibilità li l-qarrejja jmissu u jxommu dan is-sentiment amoruż. Madanakollu, spiss idaħħal is-superlattiv jew l-assolut b'referenza għal elementi naturali oħrajn u mifruxin, sabiex juri li l-ħsus tiegħu mhumiex ikkonċentrati ġo entità waħda, tant li ma hemmx truf ċari għall-oġġetti li jġorru l-ħsus umani. Għalhekk, il-fallaċja patetika f'Vassallo ħafna drabi tidher bħala konfużjoni bejn tiġrib ta' ambjent fiżiku u sentiment

astratt. Fil-fatt, fid-djalogi ta' bejn żewġ maħbubin, il-kelliem ma jibqax miġbud lejn l-għarusa biss, imma jiġi attirat lejn kollox, u s-sentimenti tiegħu jitwessgħu sabiex jinkludu l-elementi kollha li jiċċirkondawh, bħallikieku qed jinnamra mad-dinja kollha. Teknika bħal din, għalhekk, deliberatament twessa' l-orjentament amoruż tal-protagonista li jidħol f'komunjoni intima mad-dinja ċirkostanti.

Għalhekk, il-poeżija ssir sors ta' faraġ psikoloġiku li permezz tagħha Vassallo jidħol fi djalogu initimu mal-ambjent ta' madwaru u s-sentimenti ġewwiena jestendu għal fuq dak kollu li jitwaħħad emottivament mar-ruħ poetika, fi xbihat li jisplodu fi lwien suġġestivi, sew jekk tanġibbli (bħall-art, il-baħar u l-fjur), sew jekk inqas raġġunġibbli (bħall-klima, is-sema u x-xemx). Dan kollu jwassal sabiex "mill-fiżiku ngħaddu għall-ispiritwali, minn dak li naraw u nisimgħu u l-bqija, nispiċċaw biex inħossu minn ġewwa" (Friggieri, *L-Idea tal-Letteratura* 23), u viċiversa: l-ispiritwalità timmaterjalizza f'oġġetti iebsa li mqar fin-natura konkreta tagħhom jibdew ileħħnu espressjoni patetika.

## 4. Ġużè Muscat Azzopardi: Ħolqien Apprensiv Daqskemm Wennies

Il-lirika ta' Ġużè Muscat Azzopardi tillustra b'modi interessanti l-isfumar bejnu, bħala l-kelliem liriku, u d-dinja ta' madwaru, bħala panorama ta' ħsus reċiproċi. Ir-reġistru, il-frażjoloġija u x-xbihat li jattribwixxu sensittività ħajja lill-entitajiet ambjentali magħżula ta' Muscat Azzopardi jħallu ftit dubju li huwa qies il-ħolqien bħala estensjoni tas-sensibilità patetika tiegħu. Il-poeta jinħass jimraħ f'ambjent sħiħ donnu esploratur esperjenzat li jaf kull dettall tan-natura, u permezz tal-empatija unanima bejn id-diversi elementi pajsaġġistiċi, jippreżenta ambjent b'effetti li rarament huma ristretti għal post wieħed u li b'hekk ifixklu lill-qarrejja milli jagħrfu s-sors distintiv tal-emozzjoni li effettivament ikun inqasam bejn l-esterjorità ambjentali u l-interjorità umana daqskemm bejn entitajiet naturali varji. Dan jawgura fallaċja patetika bla limiti spazjali, oġġettivi jew suġġettivi.

Fil-maġġoranza tal-poeżiji ta' Muscat Azzopardi, ir-realtà li tiċċirkonda l-bniedem tikkondizzjona saħansitra l-aspett fiżiku tiegħu b'effett karnali, b'forma ta' kontinwità psikosomatika bejn l-individwu, bħala korp sensittiv li jaħseb u jħoss, u l-atmosfera, bħala turbulanza jew kalma. Is-solitudni

tispikka bħala l-qagħda fundamentali li fuqha jistrieħu ħsus oħra bħalma jidher fil-poeżija "Waħdi", fejn wara numru ta' riflessjonijiet solitarji l-kelliem liriku jmur lil hinn mil-limitazzjonijiet sensittivi tiegħu billi jestendi ħsusu kollha, bil-karattru kunfliġġenti tagħhom, fil-ħolqien sħiħ ta' madwaru. Ix-xena tax-xemx "tbatti", suġġeriment ta' enerġija li qed tonqos b'mod gradwali, minnufih terħi sens ta' dalma riesqa, ta' għajbien il-ħajja, u ta' rassenjazzjoni spiritwali, tant li ssir il-kumpann regulari ta' poeta solitarju li jiddikjara bil-miftuħ li "Ili żmien twil, kif tbatti x-xemx, nitwarrab."

Minkejja l-ħtieġa li jingħalaq għalih waħdu f'"rokna", bħallikieku f'torri tal-avorju, il-kelliem liriku kontinwament jitwaħħad mal-movimenti kumplimentari fin-natura, li għalhekk jiffurmaw sintesi perfetta mal-burdati tiegħu. L-ispirtu riflessiv u mħasseb propost mill-epiżewski "u naħseb ... naħseb ..." jikxef ruħ konfuża u aġitata li daqskemm tappartjeni lill-persona hija wkoll aspett viżibbli tat-titjira mgerrxa u selvaġġa tal-"ħuttaf", bl-imġiba tiegħu mimlija "tgeġwiġ" u nieqsa minn direzzjoni stabbli ("jittajjar / bla triq magħżula, bħal imnaffar"). L-interjorità mimlija dubji, ansjetajiet u biża' tal-poeta, irrinforzata bil-mistoqsijiet persistenti, tinkixef ukoll mill-azzjonijiet u l-kambjamenti kkalkulati tan-natura esterjuri, fosthom tal-"għasafar imxierka" fit-tiftixa sfrenata tagħhom għal zokk fl-għabex, qabel id-dalma sħiħa. Dawn ix-xbihat u l-proċessi pajsaġġistiċi kollha finalment jippuntaw lejn bniedem beżgħan li ħajtu nnifisha, bil-geġwiġija ta' ħsibijiet tagħha, hija suġġetta għall-istess bidla minn nhar għal lejl, hija fi proċess ta' trasformazzjoni minn attività għal irqad. Kif jargumenta Winston Hewitt, kittieb għandu l-abbiltà jidentifika simbolikament mal-metamorfosi tan-natura xi kriżi li hu stess qed iġarrab f'ħajtu (111), u għal Muscat Azzopardi din mhix għajr il-mewt irrappreżentata bil-lejl riesaq u l-aġitazzjoni tal-għasafar ifittxu l-kenn minnu.

Fl-ispustament tas-sentimenti tal-kelliem liriku għal ġol-elementi esterjuri, il-qarrejja sikwit jiksbu perċezzjoni ġdida fuq karatteristiċi ambjentali li diġà kellhom valur stabbilit; ngħidu aħna, jagħrfu l-mixja tal-ġurnata bħala kalkolu empiriku ta' ħin għaddej, iżda japprezzaw letterarjament l-istil poetiku li jaqbad l-ilwien, il-ħsejjes u l-klima esterni bħala xejriet ta' tmiem il-jum u, fl-istess waqt, bħala tranżizzjoni spiritwali fil-qagħda interna tal-kuxjenza poetika. B'dan il-mod, Muscat Azzopardi jċajpar il-fruntiera bejn in-natura u l-bniedem, bis-suġġeriment li ċerti sentimenti mhumiex individwali imma jappartjenu għal dimensjoni

ħafna ikbar mill-individwu nnifsu li, ironikament, xorta waħda qed iġarrabhom primarjament hu bħala espressjoni artikulata poetikament. Din il-korrispondenza tal-ħolqien mal-kumpless emottiv sħiħ toħloq reċiproċità ssinkronizzata bejn elementi esterni u s-sentimenti tal-poeta, ladarba bil-fallaċja patetika l-ambjent sħiħ bħallikieku jagħti l-klima tiegħu lill-psike umana u, bil-kontra, l-elokwenza poetika tiġi espressa wkoll fil-beraħ ta' quddiemu.

## 5. Dun Karm Psaila: Il-Vjaġġ Agħma f'Pajsaġġ Antropomorfiku

F'diversi poeżiji ta' Dun Karm Psaila, il-lament u l-melankonija tiegħu ġew estiżi fuq l-ambjent ta' madwaru meqjus bħala spazju ta' ispirazzjoni filosofika li minnu elenka oġġetti evokattivi osservati mill-qrib u integrati mal-kundizzjoni psikoloġika tiegħu. B'differenza mir-Romantiċi li ħarsu lejn il-ħolqien bħala sors ta' wens, Psaila jara ħafna paradossi eżistenzjali fin-natura madwaru, u fil-fatt sikwit jislet diversi xbihat organiċi li ma jissuġġerux sentimenti pożittivi jew ideali, wisq anqas paċifiċi. L-aqwa illustrazzjoni ta' din in-natura kemxejn ominjuża f'koordinazzjoni temperamentali mal-istat apprensiv tal-poeta, il-kuxjenza vulnerabbli għall-assurditajiet tal-ħajja umana, hija l-poema *Il-Jien u lil hinn Minnu* li tippreżenta vjaġġ fiżiku daqskemm spiritwali li jitwassal b'diversi analoġiji bejn il-qagħda temporali tal-bniedem u xi element pajsaġġistiku, bħallikieku l-ħolqien huwa ħafna iktar espressiv mill-poeta nnifsu.

Il-perturbazzjonijiet u l-iskumditajiet morali tiegħu jitwasslu b'diversi entitajiet esterjuri antropomorfizzati, b'għadd ta' sentimenti u kunċetti ġewwiena esternalizzati f'metafori konkretistiċi. Il-konkretizzazzjoni tal-istat intensament dipress tar-ruħ titwassal b'għadd ta' tekniki li jneħħu d-distinzjoni bejn l-interjorità u l-esterjorità: ir-rifless tar-rassenjazzjoni spiritwali fid-dimensjonijiet abismali ta' post għammieq ("ħondoq tad-dwejjaq"); il-korrelazzjoni oġġettiva tan-natura mas-sensibilità eleġijaka tal-leħen liriku ("xemx imkeffna / ġo sħab imdardar tibki dmugħ ta' dwejjaq"); l-epitett ittrasferit li jerħi kwalitajiet, qagħdiet, jew burdati umani għal ġo elementi ambjentali ("fewġa lubiena", "is-sema mgħajjeb", "riħ fuqani", "balluta godlija", "trab mewwieti"); u tekniki oħra li lkoll joħolqu xi għamla ta' kontinwità patetika bejn il-vuċi lirika u l-atmosfera ssinkronizzata magħha. Il-kritiku I.A. Richards isejjaħ il-funzjoni aġġettivali ta' xejriet letterarji bħal dawn "estetika" ("aesthetic") u jelabora li permezz

tagħha titwettaq xeħta projettiva (anki bl-implikazzjoni ta' missila) ta' dispożizzjoni umana lejn oġġett ulterjuri, f'kuntest verbali "li jindika mhux daqstant in-natura [empirika] tal-oġġett [fih innifsu] daqskemm il-karattru tal-ħsus tagħna lejh" (220). Fil-poema din ix-xeħta tinħass ripetutament permezz ta' atmosfera, klima, u awra naturali li fihom it-tħassib eżistenzjali tal-kelliem liriku qed iterraq bħallikieku jinsab fiżikament fl-element ubikwitu ta' ħolqien mimli diq. Dan il-punt jelaborah William Olsen meta jikkritika l-poeżija ta' Frank Bidart bħala "mneżżgħa" minn kull xejra artifiċjali u "radikalment sinċiera" ladarba din "tirrinunzja kull analiżi meditattiva, u tressaq l-emozzjoni 'l quddiem sal-punt li l-emozzjoni nnifisha ssir il-fatt u l-avveniment [... li] jieħdu post l-iżvolġiment narrattiv" (156–7). Il-poema ta' Dun Karm teżemplifika dan fil-mod kif il-ġrajja spiritwali rrakkontata fiha sseħħ kemm bil-moviment (esterjuri u interjuri) tal-poeta kif ukoll b'aġenti li jiċċirkondaw il-figura tiegħu ta' pellegrin jew vjaġġatur lejn destinazzjoni morali.

Straordinarjament, iktar ma s-sentiment jaħrab mill-kelliem liriku iktar isir intensament maħsus minnu u, paradossalment, il-ħsus jintensifikaw mingħajr limitu ċar, ambitu bi fruntieri definittivi, jew sfera ta' burdati intensi b'dimensjonijiet fissi. Il-firxa ambjentali, fil-fatt, testendi ruħha mal-ħsus jakkumulaw u jitqawwew tal-poeta vjaġġatur f'ħolqien daqqiet simpatetiku u daqqiet oħra ostili. Il-movimenti fin-natura jiġu ppreżentati b'mod issinkronizzat mad-diversi movimenti f'ruħ il-poeta. Ngħidu aħna, f'mument eċċessivament razzjonali, il-poeta jqabbel ħsiebu miġbur ("ħsiebi / inġabar") mas-sħab miġmugħ u fl-istess ħin "imqatta'" mill-"Majjistral", ajru msewwed u mifruq li b'hekk "idellel" u "jgħajjeb" biċċiet mill-"art ta' qalbi" u tal-pajsaġġ fl-istess waqt. F'din il-korrispondenza dettaljata bejn art u qalb imdellin, is-sħab għaddej misjuq mill-Majjistral jiġi identifikat ukoll mad-"damma ta' tifkiriet li kienu ħajti", u b'hekk jibda jġorr saħansitra sens ta' nostalġija, flimkien mad-dilemma reliġjuża. Il-kontinwità emottiva-naturali, għalhekk, tissarraf f'paralleliżmu bejn l-art esterna ta' Malta (it-topografija nazzjonali) u l-art ta' qalbu (it-territorju emottiv tiegħu), tant li s-sentimenti jiġu ttrattati bħallikieku huma mappa. Illustrazzjoni ta' din il-korrispondenza tinsab f'inferenza tal-ipallaġe "dell mifluġ", fejn l-aġġettiv uman tal-filġa - jew tal-qalb mifnija bl-ansjetà spiritwali - jgħaddi għal fuq fenomenu naturali fil-pajsaġġ, l-art imdallma b'xi xejra topografika li

tixħet id-dell fuqha.

It-trattament ta' pajsaġġ li jkanġi u jinbidel skont it-temperament uman jinħass ħafna fi Psaila, u dan jikkaratterizzah bħala Romantiku matur. L-elokwenza poetika tiegħu toħloq kuntrast bejn il-mumenti li fihom jinsab magħluq f'dinja ta' meditazzjoni u mumenti oħrajn li fihom jinsab aktar miftuħ għad-dinja primordjali ta' madwaru, bis-suġġestjonijiet mixtieqa-mistmerra tagħha. It-teħbir ħażin huwa element ċentrali fil-fallaċja patetika ta' Psaila u jikkaratterizza l-poeżija kemxejn iktar sofistikata tiegħu

## 6. Kummenti Konklużivi

L-użu pjuttost regolari u dinamiku tal-fallaċja patetika fit-tliet poeti juri kif, bħala idjoma li tiddistingwi lill-poeta Romantiku, is-sensibilità patetika tikseb forma estetika dinjituża, u l-ambjent ma jibqax oġġettiv biss, iżda jsir espressiv bħala portavuċi tat-temperament uman fil-varjazzjonijiet kollha tiegħu, bil-kapaċità li jassumi anki l-ansjetajiet, il-beżgħat u l-aspirazzjonijiet tal-poeti. F'dan it-twaħħid jidher kif il-poeti Romantiċi jrawmu korrispondenzi emottivi akuti mad-dinja osservabbli, f'patos spontanju u profond (diwi tal-poetika Romantika ta' Wordsworth dwar "l-emozzjoni miġbura fi trankwillità" (307)) ikkonkretizzat f'forom ambjentali diversi.

Għalhekk, permezz tal-fallaċja patetika, il-poeżija ssir kwadru tat-tiġribiet reali tal-poeti mwaħħdin man-natura, u topponi l-ideat ta' Ruskin, speċjalment il-kundanna tiegħu li bħala teknika l-antropomorfizzazzjoni emottiva tal-ambjent hija qarrieqa għax, ladarba l-poeti li jinqdew biha se jkunu eċċessivament emottivi, se jkunu wkoll ingħelbu mis-sentimenti tagħhom stess, sal-punt li jibdew jiktbu kontenut falz. Għalkemm forsi vera huwa irrazzjonali li tattribwixxi dak li qed tħoss lill-madwar, dan il-proċess mhuwiex neċessarjament taqriqa, għax wara kollox il-bniedem, bħala ħlejqa sensittiva, tiġih naturali li jiddjaloga emottivament ma' pajsaġġ li jirreċiproka s-sentimenti tiegħu. Din l-interdipendenza tfisser li n-natura bilfors tgħaddi mill-filtri emottivi tal-bniedem sal-punt li l-atmosfera u l-pajsaġġ jibdew jikkumplimentaw l-emozzjoni umana bi ħsus li jixhdu interess fl-ansjetajiet, kompassjoni mad-dilemmi, anki sehem dirett fit-tiġrib tal-kuxjenza poetika. B'żieda ma' dan, it-twaħħid uman-natura jgħin lill-poeti jifhmu l-emozzjonijiet kumplessi li ma jafux jiddeskrivu. F'dan ir-rigward, il-qarrejja għandhom jintebħu b'żewġ waqtiet prinċipali: (1) meta b'mod konxju jew inkonxju, taħt stress emottiv, il-poeti

jattribwixxu l-burdati kumplessi tagħhom lin-natura madwarhom; u (2) meta n-natura nnifisha tipproġetta l-burdata tal-kelliem liriku mill-kwalitajiet u l-komportamenti tagħha, li f'dan il-mument jingħarfu bħala preżenza ħabiba, konsolatorja, u ġentili fl-empatija tagħha lejn il-poeta osservatur.

Bħal ħafna kunċetti u mezzi letterarji oħrajn, maż-żmien il-fallaċja patetika bdiet tvarja fil-frekwenza tal-użu u fil-kwalità tagħha, b'bidliet evidenti bejn poeta jew ġeneru u ieħor. Minkejja l-konfini storiċi tal-perjodu Romantiku li fih sabet tant xorti, din it-teknika ma ntemmitx mat-tmiem tal-moviment li ppromwovieha u poġġieha fuq quddiem nett fl-istil diskursiv tiegħu, iżda kompliet titħaddem bħala għodda simbolika tassew effettiva, b'merti konnotattivi li komplew jinfirxu f'forom aktar reċenti u ġodda ta' arti, fejn kisbet sehem qawwi anki bl-għajnuna tat-teknoloġija viżwali.

## Biblijografija


Dick, Bernard F. "Ancient Pastoral and the Pathetic Fallacy." *Comparative Literature*, vol. 20, nru 1, 1968, pp. 27–44. JSTOR, doi: 10.2307/1769804. Aċċessat 5 Aww. 2021.

Friggieri, Oliver. *L-Idea tal-Letteratura*. Pubblikazzjoni Bugelli, 1986.

Hewitt, Winston. "Pathetic Fallacy." *Through Those Living Pillars: Man and Nature in the Works of Emile Zola*, De Gruyter Mouton, 1974, pp. 110–40, doi.org/10.1515/9783111344485. Aċċessat 29 Nov. 2021.

Kaya, Naz, u Helen H. Epps. "Relationship between Color and Emotion: A Study of College Students." *College Student Journal*, vol. 38, nru 3, 2004, pp. 396–405. https://www.academia.edu/3880952/RELATIONSHIP_BETWEEN_COLOR_AND_ EMOTION_A_STUDY_OF_COLLEGE_STUDENTS. Aċċessat 4  Jan. 2022.

Lodge, David. *The Art of Fiction: Illustrated from Classic and Modern Texts*. Viking, 1993.

Muscat Azzopardi, Ġużè. *Ġabra Żgħira: Proża u Poeżija*. Empire Press, 1928.

Olsen, William. "Poetry and Emotion: With a Review of Frank Bidart's "Desire"." *Chicago Review*, vol. 44, nru 3/4, 1998, pp. 148–66, research.gold.ac.uk/id/eprint/22768. Aċċessat 13 Mar. 2022.

Psaila, Dun Karm. *Il-Jien u Lil hinn Minnu*. Edizzjoni annotata minn Oliver Friggieri, T. Psaila, 1988.

Richards, I. A. "Chapter III. Sense and Feeling." *Practical Criticism: A Study of Literary Judgement*. Kegan Paul, Trench, Trübner & Co., 1930, pp. 205–24, https://archive.org/details/practicalcritici030142mbp/mode/2up. Aċċessat 5 Mar. 2022.

Ruskin, John. "Of Many Things." *Modern Painters*, vol. 3, 1906, pp. 161–77.

Thomas, J. D. "Poetic Truth and Pathetic Fallacy." *Texas Studies in Literature and Language*, vol. 3, nru 3, 1961, pp. 342–47. ProQuest, www-proquest-com.ejournals.um.edu.mt/scholarly-journals/poetic-truth-pathetic-fallacy/docview/1305355365/se-2?accountid=27934. Aċċessat 14 Aww. 2022.

Vassallo, Ġan Anton. *Ġan Anton Vassallo - Il-Poeżiji*. Editjat u introdott minn Oliver Friggieri, Malta UP, 2012.

Wordsworth, William, u Samuel Taylor Coleridge. *Lyrical Ballads*. Taylor & Francis Group, 2005. ProQuest Ebook Central, ebookcentral-proquest-com.ejournals.um.edu.mt/lib/ummt/detail.action?docID=652949. Aċċessat 5 Apr. 2022.